VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 36 tal-2012**

## ATT DWAR L-AWTORITA` GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTA` FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

### Regolamenti tal-2012 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità, f'konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titlu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Ħlas ta' Penali).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxi lista ta' offiżi li dwarhom l-Awtorità tista' tagħti avviz għall-pagament ta' penali, u biex ikunu stabbiliti l-penali li jkunu jridu jitħallsu.

Interpretazzjoni.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif stabbilit bl-artikolu 8 tal-Att; Kap. 424.

Il-penali għandha tkun determinata b'referenza għall-iSkeda I.

**3.** (1) Fejn l-Awtorità tavża lil xi persuna għall-ħlas ta' penali skont l-artikolu 38 (3) tal-Att, l-ammont tal-penali għandu jkun determinat b'referenza għall-iSkeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-ewwel kolonna tal-iSkeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur ta' liġi, liema deskrizzjoni m'għandix tintuża għal skop ta' interpretazzjoni tar-regolamenti ċitati, it-tieni kolonna tistabbilixxi l-penali li trid titħallas, u t-tielet kolonna tirreferi għar-regolamenti li għalihom tkun qed tapplika l-penali.

(3) Il-penali tibda tgħodd mill-ġurnata li fiha jkun wasal dak l-avviż.

(4) Jekk il-parti avżata tonqos milli tħallas il-penali jew penalitajiet li għandhom jitħallsu sa ħmistax il-ġurnata minn meta jkun wasal l-avviż, ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri kontra l-parti avżata, skont artikolu 38 tal-Att, li jistgħu jwasslu, jekk il-persuna tinstab ħatja, għal multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, u li f'kull kaz ma tistax tkun inqas minn dik il-multa jew multi li persuna tkun avżata tħallas mill-Awtorità.

(5) L-Awtorità tista' skont id-diskrezzjoni tagħha, tagħti struzzjonijiet li kull multa li persuna tintalab tħallas, tkun tista' titħallas bin-nifs f'dawk l-ammonti u fir-rigward ta' dawk l-intervalli rikorrenti kif l-Awtorità jkun jidrilha xieraq, b'dana li l-perjodu li fih ikun irid jitħallas l-ammont ma jkunx jista jaqbeż tlett snin, u li fin-nuqqas ta' ħlas ta' wieħed mill-pagamenti dovuti, l-ammont sħiħ ikun irid jitħallas fil-pront.

(6) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, multi dovuti wara avviż maħruġ mill-Awtorità għandhom ikunu meqjusa bħala dejn ċivili.

Setgħa tal-Ministru li jemenda l-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

**4.** Il-Ministru jista' jemenda l-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, li jkunu jridu jiġu pubblikati fil-Gazzetta u dak it-tibdil jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni.

Persuna ma tagħtix każ ta' xi provvediment ta' Kodiċi ta' Prattika pubblikat jew forom oħra ta' gwida maħruġa mill-Awtorità.

**5.** Meta bis-saħħa ta' l-Att jew ta' regolament maħruġ taħt l-Att, ikun għal persuna akkużata li tipprova li ma kienx prattikabbli jew ma kienx raġonevolment prattikabbli li tagħmel iktar milli għamlet biex tissodisfa l-obbligu jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezz prattikkabbli aħjar biex tissodisfa l-obbligu jew il-ħtieġa, l-Awtorità tista' tavża lil dik il-persuna għal ħlas ta' penali, talli ma tatx każ xi provvediment ta' xi Kodiċi ta' Prattika jew forom oħra ta' gwida maħruġa mill-Awtorità, jekk fl-opinjoni tal-Awtorità, il-persuna ma kinitx qed tieħu miżuri adekwati jew suffiċjenti għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Il-ħlas ta' penali ma jippreġudikax l-obbligu li titwettaq kull miżura.

**6.** (1) Il-ħlas ta' penali ma jnaqqas xejn mill-obbligu ta' persuna li twettaq kull miżura biex jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà, kemm jekk dan l-obbligu joħroġ mill-Att jew minn xi regolament maħruġ taħt l-Att jew fuq ordni ta' Uffiċċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol maħruġ skont l-Att.

(2) Dawn ir-regolamenti huma bla ħsara għas-setgħa ta' Uffiċċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li joħroġ ordni skont l-artikolu 17 tal-Att.

Ksur kontinwu.

**7.** Meta, wara li jkun sar il-ħlas ta' penali jibqa l-ksur ta' xi provvediment tal-Att jew ta' xi regolament maħruġ taħtu, minkejja struzzjonijiet li tkun tat l-Awtorità għar-rimedju ta' dak il-ksur, l-Awtorità tista' tibda proċeduri skont l-artikolu 38 tal-Att għal vjolazzjoni kontinwa jew tista' toħroġ avviż għall-ħlas ta' penali oħra flok l-imsemmija proċeduri, sakemm l-avviż jista' joħroġ għal kull ġurnata li tkompli l-ksur ta' liġi mingħajr ma jkunu ttieħdu rimedji.

Ksur ta' liġi u penali għandhom japplikaw mutatis mutandis.

**8.** (1) Il-ksur ta' liġi deskritt fl-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, u l-penali msemmija għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* b' referenza għar- regolamenti oħra maħruġa taħt l-Att, u l-fatt li dawn ir-regolamenti mhux imsemmija fl-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, m'għandiex titqies bħala raġuni biex dawn ir-regolamenti ma jiġux applikati.

Iżda l-penali murija fl-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti għandhom jintużaw ukoll f'dawn il-każijiet.

(2) Meta ma jkunx hemm regolament speċifiku, l-Awtorità għandha tiċċita l-eqreb deskrizzjoni ekwivalenti ta' ksur ta' liġi, li għandu japplika *mutatis mutandis*, wara li tieħu kont taċ-ċirkustanzi tal-attivita jew attivitajiet tax-xogħol, u meta tibgħat l-avviż għall-ħlas ta' penali, għandha tapplika l-penali msemmija fl-iSkedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti għall-iktar ksur ta' liġi ekwivalenti.

**SKEDA I**

| Deskrizzjoni tal-kontravenzjoni | Penali (€) | Referenza legali |
|---|---|---|
| Apparat tax-xogħol jew makkinarju fl-użu mhux spezzjonat, eżaminat, ittestjat u/jew iċċertifikat skont il-liġijiet tas- Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.<br>Il-penali stipulata għandha tapplika għal kull biċċa apparat jew makkinarju li ma tkunx eżaminata, ittestjata u/jew iċċertifikata fiż-żmien ordnat minn meta tkun suppost saret, u, jew fil-każi meta (i) iċ-certifikat rekwiżit li jintbagħat ma jkunx intbagħat, jew (ii) ma ssirx reġistrazzjoni, jew (iii) ma jinżammx reġistru. | 250 | Ir-referenzi legali għal din il-penali huma elenkati fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti |
| Persuna ma tiżgurax li jsir evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li għalihom huma esposti ħaddiema konsegwentament għall-użu ta' *Visual Display Units*. | 250 | Avviż Legali 43/2002 |
| Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol qabel jingaġġa jew joffri xogħol lil xi żagħżugħ jew żagħżuha. | 250 | Avviż Legali 91/2000 |
| Min iħaddem ma jagħmilx evalwazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm fuq il-post tax-xogħol qabel jagħti xogħol lil ħaddiema tqila, li tkun qed tredda', jew li tkun omm. | 250 | Avviż Legali 92/2000 |
| Min iħaddem jimponi jew jippermetti li jiġi mpost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fejn tidħol xi ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skond xi disposizzjonijiet ta' regolamenti. Penali waħda għandha tiġi mposta fuq | 250 | Avviż Legali 36/2003. |

| | | |
|---|---|---|
| organiżazzjoni, irrispettivament min-numru ta' ħaddiema affettwati. | | |
| Ma tkunx żgurata l-ħatra ta' rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà. | 250 | Avviż Legali 36 /2003. |
| Il-bidu ta' xogħol li jkun jeħtieġ avviż minn qabel, awtoriżżazzjoni jew il-preżentazzjoni ta' pjan tax-xogħol lill-Awtorità, mingħajr ma jkun attwat dak l- obbligu. | 250 | Avviż Legali 281/2004, Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005(COMAH), Avviż Legali 323/2006 |
| Nuqqas ta' avviż ta' kull inċident li jwassal għall-mewt jew korriment gravi ta' xi persuna, jew fil-każ ta' ħaddiem fuq ix-xogħol, li jwassal lil dak il-ħaddiem li jkun inkapaċitat milli jmur għax-xogħol għal iktar minn tlett ijiem konsekuttivi. Il-penali għandha tapplika għal kull korriment mhux avżat. | 250 | Avviż Legali 52/1986. |
| Ma jkunux segwiti l-obbligi skont l-iSkeda IV tal-Avviż Legali 281/2004. | 250 | Avviż Legali 281/2004. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| Ħaddiema jintalbu jqandlu tagħbijiet, li minħabba l-karatteristiċi tagħhom jew minħabba kundizzjonijiet ergonomiċi ħżiena, jkunu jinvolvu riskju għall-ħaddiema partikolarment ta' korriment fid-dahar, mingħajr ma jkunu ttieħdu mill-ewwel, miżuri organizzattivi xierqa, jew mingħajr ma jkunu provduti mezzi mekkaniċi xierqa li jevitaw il-ħtieġa ta' tqandil manwali. | 250 | Avviż Legali 35/2003. |
| Klient ma jappuntax *supervisor* jew *supervisors* għal proġett. | 250 | Avviż Legali 281/2004. |
| Persuna intenzjonalment jew bi traskuraġni tinterferi jew tuża ħażin xi ħaġa provduta fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |
| In-nuqqas ta' żamma tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju bil-miktub jew b'mod li jista jinkiseb elettronikament, fejn ikun hemm iktar minn ħames ħaddiema. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |
| In-nuqqas ta' provvediment ta' informazzjoni li tinftiehem u rilevanti lill-ħaddiema jew ir- | 250 | Avviż Legali 36/2003. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| rappreżentanti tagħhom. | | |
| Ħaddiem li ma jieħux ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tiegħu jew ta' persuni oħra b'mod li ma jkunx skont it-taħriġ u struzzjonijiet li ngħata minn min iħaddmu. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |
| Ħaddiema temporanji ma jingħatawx protezzjoni adekwata tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |
| *Supervisor* ta' proġett ma jiżgurax il-preparazzjoni ta' pjan għas-saħħa u s-sigurtà. | 250 | Avviż Legali 281/2004. |
| Ħaddiema ma jikkooperawx ma min iħaddimhom u, jew mar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u, jew ma ħaddiema b'responsabbilta` speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. | 250 | Kap. 424 / Avviż Legali 36/2003. |
| Min iħaddem ma jassigurax li fejn ikun hemm riskju ta' kuntatt mekkaniku ma' partijiet jiċċaqilqu li jista' jwassal għal inċidenti, dawk il-partijiet għandhom ikunu provduti b'ħarsien jew strumenti li jevitaw aċċess għal żoni perikoluż jew biex iwaqqfu l-movimenti ta' partijiet | 250 | Avviż Legali 282/2004, Avviż Legali 52/1986. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| perikoluż qabel ma jintlaħqu ż-żoni perikoluż. | | |
| Min iħaddem ma jipprovdix apparat jew ilbies personali protettiv, u, jew ma jiżgurax li ħaddiema jagħmlu użu sħiħ u korrett minnhom. | 250 | Avviż Legali 36/2003. |
| Persuna li tkun impjegata għal rasha ma tieħux miżuri biex tħares is-saħħa u s-sigurtà tagħha jew ta' persuni oħra li jistgħu jkunu affettwati bix-xogħol li jkun qed isir. | 250 | Kap. 424. |
| Persuna tkisser jew tbagħbas xi siġill li jkun sar, jew xi apparat ta' sorveljanza li jkun ġie stallat, jew li jkun ġie imqiegħed jew tħalla minn uffiċjal f'xi post tax-xogħol jew, f'każ ta' apparat ta' sorveljanza personali, fuq xi ħaddiem. | 250 | Kap. 424. |
| *Mobile* krejn li jkun qed jiġi operat bl-*outriggers* fuq art instabbli jew mingħajr irfid xieraq. | 250 | Kap. 424. |
| *Tower* krejn mhux iċċertifikat wara l-istallazzjoni u qabel ma jibda jaħdem fuq sit. | 250 | Avviż Legali 282/2004. |
| Apparat tax-xogħol għal irfigħ ta' tagħbijiet, imħolli b'tagħbijiet mingħajr sorveljanza. | 250 | Avviż Legali 282/2004. |
| Persuna/i merfugħa mingħajr miżuri ta' sigurtà | 250 | Avviż Legali 282/2004. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| adegwati jew gaġġa li ma tkunx iċċertifikata. | | |
| Persuna/i merfugħa fuq *forklift truck* mingħajr apparat iċċertifikat. | 250 | Avviż Legali 282/2004. |
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma preparax id-dokument li jfassal il-politika tiegħu dwar il-prevenzjoni ta' inċidenti kbar. | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma jipproduċix rapport tas-sigurtà. | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma jirrevedix ir-rapport tas-sigurtà. | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma jippreparax il-pjan ta' emergenza intern. | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma jipprovdix informazzjoni lill-Awtorità Kompetenti. | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Min iħaddem ma jagħżilx persuna jew persuni biex jassistuh fit-teħid ta' miżuri relatati ma' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol. | 450 | Avviż Legali 36/2003. |
| Ħaddiema li jkunu ntitolati li jkollhom sorveljanza ta' saħħithom ma jkunux provduti dik is-sorveljanza. | 450 | Avviż Legali 36/2003. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| Operatur ta'stabbiliment *COMAH* ma jipprovdix informazzjoni fuq miżuri ta' sigurtà u fuq l-imġieba meħtieġa fil-każ ta' inċident kbir | 450 | Avviż Legali 37/2003, skont kif emendat b' Avviż Legali 6/2005. |
| Min iħaddem ma jieħux miżuri biex:<br>• jevita riskji ta' waqgħat mill-għoli:<br>• jiżgura li kull tarf li minnu jista' jaqà xi ħadd ikollu irpar jew reċinti xierqa;<br>• jiżgura li apparat fuq ix-xogħol jintuża kif suppost. | 450 | Kap. 424 / Avviż Legali 36/2003. |
| Min iħaddem ma jipprovdix tagħmir adekwat għall-ewwel għajnuna u faċilitajiet adekwati u xierqa biex tkun tista' tingħata l-ewwel għajnuna lil kull min jeħtieġa f'post tax-xogħol. | 250 | Avviż Legali 11/2002. |
| Min iħaddem ma jiżgurax il-preżenza f'kull ħin ta' numru adekwat u xieraq ta' nies li jagħtu l-ewwel għajnuna skont iċ-ċirkustanzi biex jagħtu l-ewwel għajnuna lil ħaddiema jekk iweġġħu jew jimirdu fuq ix-xogħol. | 250 | Avviż Legali 11/2002. |
| Min iħaddem ma jipprovdix u ma jżommx kamra | 250 | Avviż Legali 11/2002. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| għall-ewwel għajnuna mgħammra kif suppost fejn ikun hemm mitejn ħaddiem jew iktar, jew fejn in-natura tal-attivita jew il-frekwenza tal-inċidenti hekk titlob. | | |
| Persuna li taħdem għal rasha ma tipprovdix jew ma tiżgurax li jkun provdut, apparat għall-ewwel għajnuna għaliha jew biex ħaddieħor ikun jista' jagħti l-ewwel għajnuna. | 250 | Avviż Legali 11/2002. |
| Ħruġ ta' emerġenza mblukkati, mhux aċċessibbli u jew imsakkra. | 250 | Avviż Legali 44/2002. |
| Min iħaddem ma jieħux l-miżuri meħtieġa kontra n-nirien u għall-evakwazzjoni ta' ħaddiema f'każ ta' periklu serju u imminenti. | 250 | Avviż Legali 44/2002. |
| Min iħaddem ma jiżgurax il-bini u l-istabblita ta' kull binja jew struttura hija xierqa għall-użu li jkun qed isir minnha. | 250 | Avviż Legali 44/2002. |
| Min iħaddem ma jieħux miżuri effettivi u xierqa biex jiżgura li kull post tax-xogħol, speċjalment jekk magħluq, ikun ventilat bi kwantita adekwata | 250 | Avviż Legali 44/2002. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | |
|---|---|---|
| ta' arja friska jew purifikata, u biex jirrendi bla ħsara bl-użu ta' sistemi ta' estrazzjoni, sa kemm ikun raġonevolment prattikabbli, kull dħaħen, trab jew impuritajiet oħrajn li jistgħu jaffettwaw ħażin is-saħħa u li jkunu ġenerati waqt proċess ta' xogħol li jkun qed isir. | | |
| Sinjali għas-saħħa u s-sigurtà li ma jkunux adekwati. | 250 | Avviż Legali 45/2002. |

VERŻJONI ELETTRONIKA

**SKEDA II (Għal magni jew apparat użati fuq ix-xogħol)**

| Tip ta' magna jew apparat | Regolament li japplika | Frekwenza ta' Eżaminar / Ittestjar / Ċertifikazzjoni | Azzjoni li trid tittieħed minn min iħaddem |
|---|---|---|---|
| Pressa mħaddma b'xi mutur | Avviż Legali 25/1984. | B'ilqugħ fiss : kull tnax-il xahar | Jinżamm reġistru |
| | | Mingħajr ilqugħ: kull sitt xhur | |
| Parankijiet u Liftijiet tal-merkanzija, | Avviż Legali 47/1964. | Kull sitt xhur (Liftijiet tal-merkanzija) | Rapport jintbagħad lil-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |
| | | Fil-każ ta' parank kontinwu jew parank jew lift mhux konness ma' enerġija mekkanika– kull tnax-il xahar | |
| Krejnijiet u makni oħra li jtellgħu l-oġġetti nklużi winċijiet | Avviż Legali 52/1986. | Kull erbatax-il xahar | Jinżamm reġistru |
| Ktajjen, ħbula u paranki | Avviż Legali 52/1986. | Kull sitt xhur | Jinżamm reġistru |
| *Boilers* ta' l-istim | Avviż Legali 34/1976. | Kull tnax-il xahar, u wara li jsiru xi tiswijiet kbar | Rapport jintbagħad lil-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |

VERŻJONI ELETTRONIKA

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Boilers* tal-mishun | Avviż Legali 34/1976. | Kull tnax-il xahar, u wara li jsiru xi tiswijiet kbar | Jinżamm reġistru |
| Liftijiet għal persuni u liftijiet għal persuni u merkanzija | Avviż Legali 231/2007. | Spezzjoni preventiva tal-liftijiet stallati f'post tax-xogħol, kull sitt xhur | Rapport jintbagħad lil-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |
| Liftijiet għal persuni u liftijiet għal persuni u merkanzija | Avviż Legali 231/2007. | Eżami estensiv ta'liftijiet stallati f'post tax-xogħol, kull sitt snin | Rapport jintbagħad lil-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |
| Skali mobbli u *travelators* | Avviż Legali 44/2002. | Eżaminati u ċċertifikati kull sitt xhur | Rapport jintbagħad lil-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |